MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR. HAYMAN MIRIAM LL.D.

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2002

Numru 704/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. David Saliba)**

**vs**

**Roderick Castillo ta’ 20 sena, iben Paul u Rita nee Cutajar, mwieled Pieta’ fl-10.11.82, u joqghod Blk X, Flat 3, Triq il- Jum, Marsa, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 656382 (M)**

**Dean Martin ta’ 21 sena, iben Raymond u Anna nee Bonnici, mwieled Pieta’, fis-27 ta’ Awissu, 1980, u joqghod 106B, Wardija Court, Triq Parades, San Pawl il-Bahar, Detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 407080 (M)**

**Raymond Brincau ta’ 18-il sena,**

**bin Raymond u Rita nee Darmanin,**
**mwieled Pieta’ fis-7 ta’ Gunju, 1984,**
**u li joqghod Blk V, Flat 1, Triq il-Jum,**
**Marsa, detentur tal-karta ta’ l-identita’**
**bin-numru 287484 (M).**

**Illum 11 ta’ Dicembru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-akkuzati Dean Martin, Roderick Castillo u Raymond Brincau li gew akkuzati talli:

Roderick Castillo wahdu gie akkuzat talli fil-Marsa, fis-26 ta’ Gunju, 2002 matul il-gurnata kkommetta serq ta’ diversi oggetti, fosthom video recorder, satellite receiver mill-fond Flat 2, Blk V, Triq il-Jum, Marsa li l-valur taghhom jeccedi l-Lm 100 izda anqas minn Lm 1000 ghad-dannu ta’ Joseph Cachia liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, u lok.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli fl-imsemmi fond liema hsara tiskorri Lm 50 izda anqas minn Lm 500 ghad-dannu ta’ l-istess sid u cioe Joseph Cachia.

Filwaqt li Raymond Brincau wahdu gie akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghen jew assista lill-awtur Roderick Castillo fid-delitti hawn fuq imsemmija fl-atti li bihom id-delitti jkunu gew ippreparati jew ikkunsmati jew bhala persuna li tkun xewxet lil haddiehor inkella sahhet il-volonta’ ta’ l-imsemmi Roderick Castillo sabiex jaghmel id-delitt hawn fuq citat jew weghdet li wara l-fatt tassistih tieqaf mieghu jew tikkompensah.

Filwaqt li Raymond Brincau wahdu akkuzat tali fil-Marsa, fit-8 ta’ Dicembru, 2001 f’xi hin filghaxija ikkommetta serq

ta’ video recorder tal-ghamla Samsung, kif ukoll flus kontanti mill-fond Nru. 75, Triq il-Jum, Marsa li l-valur taghhom jeccedu l-Lm100 izda anqas minn Lm 1000 ghad-dannu ta’ Jeffrey Spiteri liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur, u lok.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli fl-imsemmi fond liema hsara tiskorri Lm 50 izda anqas minn Lm 500 ghad-dannu ta’ l-istess sid u cioe Jeffrey Spiteri.

Filwaqt li Dean Martin wahdu akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghen jew assista lill-awtur Raymond Brincau fid-delitt hawn fuq imsemmi fl-att li bih id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat jew bhala persuna li tkun xewxet lil haddiehor inkella sahhet il-volonta’ ta’ l-imsemm Raymond Brincau sabiex jaghmel id-delitt hawn fuq citat jew weghdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf mieghu jew tikkompensah.

Roderick Castillo akkuzat talli huwa recidiv b’sentenza tal-Qorti liema sentenza hija definittiva u li ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Kif ukoll talli l-imsemmi Roderick Castillo kkommetta delitt fil-perjodu operattiv tas-sentenza ta’ l-artikolu 5 tal-Kap 152/57 imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, kif ukoll ikkommetta delitt fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti fis-7.9.01.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li Roderick Castillo ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat li din il-Qorti fis-seduta tal-11 ta’ Dicembru, 2002 laqghet it-talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju u ghalhekk din id-decizjoni hija biss fil-konfront ta’ l-akkuzat RODERICK CASTILLO.

Rat l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri ta' l-interrogatorju.
Rat il-fedina penali tieghu, issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu stante l-ammissjoni u dana wara li rat l-art 260, 261, 263, 270, 271, 278, 49, 50, 28A tal-Kap 9.

Dwar il-piena, in kwantu l-ammissjoni tieghu, qeghda testendi s-sentenza sospiza wara li rat l-art 28B ghal sentejn sospizi ghal erba' snin. Dwar ir-reati in dizamina tikkundannah ukoll ghal multa ta' Lm 500. Wara li rat Art 14 tal-kap 9 il-multa hi pagabbli b'rati ta' Lm 25 mensili.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.